# MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tat-23 t'Ottubru 2015

Talba Numru: 709/2015 NHV

Numru fuq il-Lista: 26

**GO p.l.c. C-22334**

**vs.**

**Clinica Del Benessere Limited (C-24405)**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand is-soċjeta` konvenuta tas-somma ta' seba' mija, disgħa u tletin ewro, erbgħa u sittin ċenteżmu (€739.64c), in kwantu għal ħames mija, ħamsa u sittin ewro, sitta u erbgħin ċenteżmu (€565.46c) in konnessjoni mas-servizzi ta' telefonija fissa fuq 21632882, u in kwantu għal mija u erbgħa u sebgħin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€174.18c) in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija fissa u internet fuq 21632880 u televiżjoni bil-card numru 1425143212, liema servizzi huma miġbura fil-

kontijiet bin-numri 40177732 u 10045211, ġew reżi mis-soċjeta′ attriċi lis-soċjeta` konvenuta;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-soċjeta` konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, is-soċjeta` konvenuta ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi s-soċjeta′ attriċi permezz ta' nota irriduċiet l-ammont minnha pretiż għas-somma ta' mija, erbgħa u sebgħin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€174.18c) stante li sar pagament akkont ta' ħames mija, ħamsa u sittin ewro, sitta u erbgħin ċenteżmu (€565.46c) fil-mori tal-kawża.

Ra l-**Kapitolu** li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li s-soċjeta` konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' mija, erbgħa u sebgħin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€174.18c), bl-imgħax legali dekorribbli mill-1 ta' Settembru 2015 li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tas-soċjeta` konvenuta.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur